MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 537/2014

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Mahmoud Nazmi Mahmoud Taha**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mahmoud Nazmi Mahmoud Taha.

Akkuzat talli:

1. Fit-2 ta' Gunju 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorita' kompetenti cioe' passaport Svediz, innumerat 87158679 u mahrug f'isem Mustafa Stefan Daoud, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra;

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga imsemmi;

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikat; u cioe` l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Mahmoud Nazmi Mahmoud Taha hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------